**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors Guramentat numru : 29/2016 AL

AB
vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Mejju 2001 fil-Parocca ta' San Bastjan, Hal Qormi, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt min-Nutar Dr. Ruben Casingena tas-sbatax ta' Lulju elfejn u sitta, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghal dawn l-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut u dan stante li skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (ara dok. B anness klawsola numru 4) il-partijiet iddekadew b'mod irrevokabbli mid-dritt li jitolbu/jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar 2016;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla iddikjarat illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Lulju 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.